# Ħbiebi

**ta' Karmenu Vassallo**

Tlabt 'l Alla jtini ħbiebi Hu. Hennieni
b'kotra bla għadd. Fuq dawn norbot u nħoll.
Jiena ngħix kollni f'ruħ kull wieħed minnhom.
U huma f'daqqa jgħixu f'ruħi lkoll.

Ilsieni lsienhom. Huma jien. Mulejja
kliemi tahuli biex nitħabbeb bih.
Qalbi saltna ta' ħolm, saltna ta' mħabba.
Jixgħel fija l-ħolqien u jiena fih.

U ħajti nsibha fit-tħaxwix tal-weraq
u fit-tpetpit tal-kwiekeb tas-smewwiet.
Negħreq f'ibħra ta' dwal sikwit u nisfa'
xitla fi ġnien il-ġmiel, għajn ta' ħlewwiet.

Nibki mad-dielja fil-ħarifa; ningħi
u nitniehed mas-siġar tal-ħarrub;
nixrob man-naħla u mal-farfett il-għasel
minn fomm il-ward u f'ġuf il-ward indub.

Indub fil-ward u warda nsir. Arani
nilgħab, niżfen u ngħanni mal-ħaxix.
Ġawhar in-nida jġibli l-Lejl; u ndommu
f'ħannieqa għall-Għodwa malli tfiġġ fl-għarix.

Imbagħ'd tixrifli x-xemx bejn ikħal u ikħal
b'ħodon ġamar tad-deh'b, seħer ta' lwien:
titbissimli bħal omm: tnewwilli driegħha;
u minn warda f'merżuq ninbidel jien.

Xi ġmiel f'beraħ tan-nir! Għanqud imrieżaq,
nixxabbtu lkoll ma' sider ommna, x-xemx;
nerdgħu l-imħabba minn sidirha, mħabba
li bejn is-sema u l-art bħalha ma hemmx.

Jisbaħ iħejji t-triq għal-Lejl minn kmieni
in-Nhar qaribna; jbusna w inbusuh.
Wara nbaħħru flimkien lejn xatt ix-xefaq.
Nieħdu b'idejn il-qamar u nħalluh.

Lil hinn mix-xefaq dinjiet oħra nżuru,
tfajliet waħedhom, għarwenin, bla kliem;
inlibbsuhom bid-dwal, ngħixu ftit magħhom;
u nerħulhom fi skiethom b'radd is-sliem.

Ridt kieku nerġa' fejn kont darba. Il-ġwienaħ
ommi tatni kif xtaqt... U nbdilt fil-ħin...
**Mulejja, niżżik ħajr għall-ħbieb li tajtni.**
**Ħbiebi kulma ħlaqt Int: barra l-bnedmin!**



**Tifsir:**

- **ndommu** - norbot flimkien
- **ħodon** - qabda / ammont
- **merżuq** - raġġ dawl
- **nitniehed** - nifsijiet twal
- **ħannieqa** - ġiżirana / kullar
- **għarix** - kmajra tal-kampanja
- **xefaq** - orizzont / sinjal li jidher jaqta' s-sema mill-baħar jew art



Is-Sa Shannon Fenech

# Xi tgħid din il-poeżija?

## Uża l-kliem f'din il-kaxxa biex timla l-vojt.

**apprezzattiv** **ewwel** **ħbieb** **talab**
**natura** **awtobijografika** **kritiku** **tiegħu**
**bnedmin** **ħabib** **ħlejjaq**

Din hija poeżija ________________ għax il-poeta jinqeda bil-vuċi fl-___________ persuna biex jirrifletti u jqajjem kuxjenza fuq ir-relazzjoni ____________ mal-ħlejjaq tan-___________ u l-bnedmin. Il-poeta jgħid li hu ___________ lil Alla biex jagħtih ____________. Alla sema' t-talba tal-poeta u hennieh b'għadd kbir ta' ___________ li huwa "jorbot u jħoll" fuqhom. Dan ifisser li l-poeta ingħata ħafna ħbieb li jista' joqgħod fuqhom b'saħħtu kollha meta jkollu bżonn. Dawn il-ħbieb mhux nies tad-demm u l-laħam, iżda __________ tan-natura. Għalhekk, it-ton ___________ tal-poeta tul il-poeżija għall-ħlejjaq tan-naturajinbidel f'ton __________ fl-aħħar strofa fejn Vassallo jistqarr li l-iżolament li ġarrab matul ħajtu kienu kawża tal-bnedmin. Il-poeżija tagħlaq bi stqarrija lil Alla ċara:

"Ħbiebi kulma ħlaqt Int: barra l-___________!"

**Imla din il-mappa kunċettwali bil-punti ewlenin tal-poeżija.**




Is-Sa Shannon Fenech

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fuq il-poeżija "Ħbiebi" ta' Karmenu Vassallo.**

1. Lil min iqis bħala l-ħbieb tiegħu l-poeta?

2. Kif inhi r-relazzjoni tal-poeta ma' Alla? Orbot ir-risposta tiegħek ma' kwotazzjonijiet mill-poeżija.

3. X'effett għandu l-paradoss tal-aħħar vers tal-poeżija?

4. X'tema għandha din il-poeżija? Agħti raġuni **WAĦDA** għaliex.

5. Mill-esperjenza tiegħek, taqbel ma' dak li qed jgħid il-poeta dwar id-diżappunt tiegħu fil-konfront tal-bnedmin? Qatt kellek xi esperjenza fejn tħossok maqtugħ/a u diżappuntat/a bil-mod kif iġibu ruħhom miegħek il-bnedmin?

6. Sib mit-tielet strofa eżempju ta' **onomatopea** u għid x'inhi l-funzjoni tagħha f'din l-istrofa.

7. "Nieħdu b'idejn il-qamar u nħalluh." v.32
X'element figurattiv huwa dan u għalfejn taħseb li l-poeta jużah fil-kuntest ta' din l-istrofa?